# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-5 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 6**

**Citaz. numru 135/94 MM (G)**

**George u Mary konjugi Scicluna**

**vs**

**Victor Cini**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TA' CITAZZJONI</u>**

L-atturi pprocedew kontra l-konvenut quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Sede Superjuri, b'dan l-att ta' citazzjoni :-

> "L-atturi ppremettew illi :-
>
> Fid-dsatax (19) ta' Gunju tal-elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) ghall-habta tat-tlieta neqsin kwart ta' filghodu (2.45a.m.) waqt li l-attur kien qieghed isuq vettura tal-marka Subaru bin-numru tar-registrazzjoni ittra "R" wiehed tmienja wiehed tlieta (R-1813) minn Triq Ghajn Mhelhel, Zebbug, Ghawdex, huwa habat

ma' mohriet bil-karru li dak il-hin kien qed jigi misjuq fit-triq mill-konvenut bil-konsegwenza li l-atturi sofrew hsarat sostanzjali fil-vettura taghhom oltre hsarat ohra li gew ikkagunati fil-proprjeta' ta' terzi (Dokument "A") ;

Illi ghal dan l-incident ghandu jwiegeb il-konvenut li dak il-hin kien qieghed isuq mohriet bil-karru f'parti mit-triq mhux imdawwla adegwatament u minghajr ebda dawl fil-mohriet jew il-karru tieghu ;

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tal-atturi, il-konvenut naqas li jaccetta r-responsabbilita' sahansitra disposti li jittransigu bil-hlas lilhom ta' nofs l-ispejjez sofferti minnhom.

Talbu ghalhekk l-atturi ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq isemmi u ghad-danni konsegwentement sofferti mill-atturi ;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat."

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa illi d-domandi attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi ma kienx minnu li l-incident stradali li gara fid-19 ta' Gunju 1994 kien dovut ghan-nuqqas ta' dawl imma gara unikament tort tal-istess attur George Scicluna li kien ghaddej bi speed qawwi tant li nonostante li ghafas il-brake laqat il-mohriet tal-konvenut minn wara u tajru fuq bieb ta' garaxx ta' terzi f'distanza konsiderevoli. Illi ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra l-atturi.

**DECIDE**

B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tal-10 ta' Dicembru 1998, il-kawza giet deciza billi l-Qorti laqghet it-talbiet tal-atturi, iddikjarat lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident illi gara fid-19 ta' Gunju 1994, ghall-habta tat-tlieta neqsin kwart ta' filghodu, fi Triq Ghajn Mhelhel, iz-Zebbug Ghawdex, meta l-attur kien qed isuq il-vettura R-1813 u l-konvenut kien qed isuq mohriet u dan minhabba negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut. L-ewwel Qorti llikwidat id-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' hames mija erbgha u hamsin lira Maltin u ghaxar centezmi u konsegwentement ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-atturi dan l-ammont hekk likwidat. Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> "Illi din il-kawza tirrigwarda incident tat-traffiku illi gara fid-dsatax (19) ta' Gunju tal-elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) ghall-habta tat-tlieta neqsin kwart ta' filghodu (2.45a.m.). Involuti kien hemm karozza misjuqa mill-attur Subaru numru R-1813 u mohriet misjuq mill-konvenut. Iz-zewg vetturi kienu sejrin fl-istess direzzjoni lejn iz-Zebbug, fi Triq Ghajn Mhelhel.
>
> L-attur xehed illi dak il-hin kien ghadu kif spiccat xi loghba football li hu kien qed jara flimkien ma' xi hbieb tieghu fil-Grotta fit-triq tax-Xlendi u kien sejjer lura d-dar. Kif wasal fi Triq Ghajn Mhelhel ra illi kien hemm Land Rover ipparkjata fuq in-naha tax-xellug tat-

triq. Ghadda magemb din il-Land Rover u f'daqqa wahda jara mohriet quddiemu. Ipprova jevita dan il-mohriet billi gibed lejn il-lemin u ghafas il-brake izda ma rnexxielux u baqa' diehel fuq in-naha ta' wara ta' dan il-mohriet illi min-naha tieghu spicca go bieb ta' garage. L-attur jghid illi ftit qabel l-incident kien qed isuq b'xi velocita' ta' ghoxrin kilometru fis-siegha (20km/s) bid-dawl dimmed. Hu jallega illi l-konvenut ma kellux dawl fuq il-mohriet tieghu u b'hekk ma setax jinduna bih mal-ewwel.

Min-naha l-ohra l-konvenut jghid illi dak il-hin huwa kien qed jirritorna lura lejn id-dar mix-xoghol peress illi huwa jahdem ta' watchman mal-gibjun fl-Ghasri. Waqt li kien ghaddej f'dik it-triq ghadda minn hdejn Land Rover u kif ghadda din il-Land Rover tigi vettura misjuqa mill-attur u tibqa' diehla fuqu, tilef il-kontroll tal-mohriet, waqa' lura fil-kaxxa, u l-mohriet baqa' sejjer go bieb ta' garage li hemm fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Dak il-hin hadd minnhom ma ammetta r-responsabbilita' ta' l-incident. Il-konvenut qieghed jallega illi l-attur ma kienx qed izomm a proper lookout u messu nduna bih anki ghaliex fit-triq kien hemm xi bozoz li permezz taghhom l-attur seta' jara lill-konvenut.

Ghal dak li jirrigwarda d-dawl li kien hemm fuq dan il-mohriet filwaqt illi l-attur jghid illi l-mohriet ma kellu l-ebda dawl, il-konvenut jghid illi kellu torch zghira li titfa' dawl fuq quddiem. Lis-Surgent qallu li fuq in-naha ta' wara ma kellu xejn pero' imbaghad il-Qorti qal li hemmhekk kellu borza zghira hamra li pero' mad-daqqa dina tkissret u ma nstabitx.

Ikkunsidrat :-

Illi minn ezami akkurat ta' dawn ir-rizultanzi processwali, il-Qorti ssib hafna x'ticcensura fis-sewqan tal-konvenut. Dan kien qed isuq mohriet bla dawl adegwat kontra r-regolamenti tat-traffiku. Huwa inutli li jghid li kien hemm dawl fit-triq. Mhuwiex facli b'semplici bozza tara oggett ghaddej fit-triq jekk ma jkunx hemm dawl fuq dan l-oggett, aktar u aktar meta l-kulur tieghu kien pjuttost skur li allura jaghmilha aktar difficli biex jidher. Min-naha l-ohra l-attur kien ghaddej bi speed moderat fuq in-naha tieghu tat-triq kif jidher fl-iskizz illi pprepara s-Surgent. Dana kien ghaddej bid-dawl dipped fi triq relattivament kwieta u f'hin illi l-volum tat-traffiku jkun kwazi fix-xejn.
Wiehed ma jistax jghid illi l-attur ma kienx qed izomm a proper lookout. Dan induna bil-prezenza tal-Land Rover ipparkjata fuq in-naha tax-xellug tat-triq u ha l-mizuri adegwati sabiex jevita din il-vettura billi gibed ftit lejn il-lemin. Min-naha l-ohra l-konvenut ma jidhirx li zamm wisq fuq ix-xellug peress illi l-ispot of impact jew l-ewwel impatt tal-mohriet jidher illi sar pjuttost fuq in-naha tal-lemin tat-triq. Hu probabbli li meta l-konvenut gibed lejn il-

> lemin biex jevita dan il-Land Rover dana ma marx mal-ewwel fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Dana ghaliex il-mohriet ghad illi huwa vettura manuvrabbli ghandha velocita' ridotta hafna u dan in-nuqqas ta' velocita' jimpediha milli tbiddel id-direzzjonijiet malajr. Kien f'dan il-mument illi lahaq l-attur u sar l-incident.
>
> Il-Qorti hija sodisfatta illi dan l-incident gara esklussivament tort tal-konvenut illi ma kellux id-dwal regolamentari fuq il-vettura tieghu u b'hekk hasad lill-attur illi kien ghaddej ghad-dritt b'velocita' moderata u bi prudenza li wiehed jistenna minn sewwieq f'dawk il-hinijiet tal-lejl.
>
> Ghal dawk illi huma danni l-attur gab id-dokumentazzjoni necessarja minn fejn jirrizulta illi sofra danni fl-ammont ta' hames mija erbgha u hamsin lira u ghaxar centezmi (Lm554.10c). Ta' dawn ghandu jwiegeb esklussivament u unikament il-konvenut."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Il-konvenut appella minn din id-decizjoni b'aggravju li fil-fehma ta' din il-Qorti hu ghal kollox korrett u sostnut fil-fatt u fid-dritt. L-ewwel Qorti infatti jidher li ghamlet apprezzament ghal kollox zbaljat tal-principji tad-dritt li kellhom jigu applikati ghall-fatti taht ezami u li kienu jirregolaw id-dinamika tal-incident. Ic-cirkostanzi li taw lok ghas-sinistru huma sewwa stabbiliti mill-provi u ma jistghux jigu kontestati. Huma cirkostanzi li jekk sewwa analizzati kellhom iwasslu ghall-konkluzzjoni inekwivoka illi l-kawza prossima u mmedjata tal-incident kien is-sewqan negligenti tal-attur George Scicluna li naqas illi josserva *a proper lookout* bi vjolazzjoni cara tar-regola fondamentali li tiggverna s-sewqan, dik cioe' illi min isuq kellu jkun f'kull hin konxju ta' dak li kien qed jigri madwaru fit-triq b'mod li jkun f'posizzjoni li tempestivament jirreagixxi ghal kull eventwalita'. Din il-Qorti ezaminat ukoll jekk

setghatx tqis li kien hemm xi kontributorjeta' da parti tal-konvenut ghall-akkadut u anke f'dan waslet ghall-konvinciment illi s-sewqan tieghu bl-ebda mod ma kkontribwixxa ghall-incident fih innifsu u ghalhekk ma setax jigi mghobbi bi htija kontributorja ghalih.

## IR-RESPONSABBILITA' TAL-APPELLATI

Din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward tar-responsabbilita' tal-appellati ghas-sinistru :-

(a) It-tezi tal-appellati, akkolta mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, hi illi l-konvenut kellu jitqies responsabbli ghas-sinistru ghaliex il-mohriet li kien qed isuq ma kellu l-ebda xorta ta' dawl fuq in-naha ta' wara tieghu. Tant hu hekk illi l-ewwel Qorti rriteniet illi "l-incident gara esklussivament tort tal-konvenut illi ma kellux id-dawl regolamentari fuq il-vettura tieghu u b'hekk hasad lill-attur illi kien ghaddej ghad-dritt b'velocita' moderata u bi prudenza li wiehed jistenna minn sewwieq f'dawk il-hinijiet tal-lejl".

(b) Din il-motivazzjoni hi ghal kollox skorretta. L-ewwel Qorti setghet kienet impressjonata bil-fatt illi l-konvenut ma kellux dawl fuq il-wara tal-mohriet. Fl-ahjar ipotesi ghall-appellati, din il-Qorti ser tqis illi dan il-fatt hu provat anke jekk l-appellant b'xi mod jikkontestah. M'hemmx ghalfejn jinghad, ghalkemm dan il-fatt seta' impressjona lill-ewwel Qorti illi l-fatt biss illi sewwieq ikun in kontravenzjoni ta' xi regolament tat-

traffiku li seta' jesponieh ghall-proceduri f'sede kriminali, ma setghatx fih innifsu jitqies bhala element determinanti biex tigi stabbilita r-responsabbilita' f'incident stradali. Dik ir-responsabbilita' civili kellha tigi identifikata billi l-Qorti tistabbilixxi x'kienet il-kawza prossima u mmedjata tal-incident u dana indipendentement minn kull konsiderazzjoni ohra. Hekk allura n-nuqqas ta' dawl fil-vettura misjuqa seta' jkun element ta' prova relevanti biss fejn sewwieq ta' vettura ohra kien, minhabba f'hekk biss, prekluz milli jirrejalizza tempestivament bil-presenza tal-vettura l-ohra bla dawl. Sottomissjoni din illi kienet ghal kollox zmentita mill-fatti tal-kaz taht ezami.

(c) Infatti l-Qorti tosserva s-segwenti :-

(i) Il-lokalita' fejn gara l-incident kien sewwa u regolarment imdawwl b'zewg fanali tas-servizz ta' dawl pubbliku. Dan hu abbondentament provat fl-atti.

(ii) L-istess appellat George Scicluna jammetti illi hu kien qieghed jara dak li kien qed jigri quddiemu fit-triq tant illi immedjatament qabel l-impatt mal-mohriet huwa kien ra quddiemu pparkjat Land Rover illi skapulah. Il-Land Rover ipparkjat ma kellux dawl u ovvjament l-attur George Scicluna xorta rah u evitah tempestivament.

(iii) Gew prodotti diversi xhieda illi lkoll ikkonfermaw illi immedjatament wara l-incident li sehh fis-sieghat bikrin ta' filghodu xirfu minn djarhom u setghu jaraw bi kjarezza dak kollu li sehh fit-triq ta' quddiemhom.

(iv) L-iskizz skalat preparat mill-ufficjali tal-Pulizija juri b'mod inkontestat illi l-istess George Scicluna halla warajh brake marks hfief twal 11.60 metru. Jekk ma' dawn wiehed izid 11.60 metru ohra thinking distance tirrizulta bla ebda dubbju l-prova illi l-istess George Scicluna zgur lemah il-mohriet almenu aktar minn tnejn u ghoxrin metru qabel l-impatt. Certament allura illi la kien hemm tant dlam li ma rax il-mohriet u lanqas li l-mohriet ma rahx ghax ma kellux dawl fuq wara. Tnejn u ghoxrin metru hija distanza ragwardevoli li tindika illi l-istess George Scicluna kellu vizwali fit-tul imdawwla adegwatament biex sewwa jirrejalizza l-presenza tat-traffiku fit-triq <u>quddiemu.</u>

Il-Qorti tikkunsidra ulterjorment :-

(i) Kieku kien minnu illi t-triq li fiha kien qed isuq Scicluna ma kienitx sewwa mdawwla u allura s-sewwieq kien impedut milli jara perfettament fejn kien qieghed isuq, ir-responsabbilita' tieghu kienet tkun accentwata mill-fatt ammess illi hu kien qieghed isuq f'dawk ic-cirkostanzi, minnu allegati, biss bid-dwal dim. Kien ikun ovvjament dover tieghu illi juza d-dwal shah jekk mhux il-bright. Il-fatti mbaghad li kien qieghed isuq bid-dim u li b'hekk biss seta' jara lill-Land Rover u

jevitaha ma jistax ma jfissirx illi t-triq fejn sehh l-incident kienet adegwatament imdawwla. B'dan stabbilit, il-motivazzjoni principali li fuqha l-ewwel Qorti sabet lill-konvenut appellant unikament responsabbli ghas-sinistru tigi newtralizzata. Minbarra hekk, xejn ma jista' jinghad negattiv dwar "is-sewqan" tal-appellant ghaliex dan kien qieghed isuq f'linja dritta b'mohriet bilkemm jiccaqlaq fuq in-naha tieghu tat-triq. Ma jirrizulta li ghamel l-ebda manuvra inkonsulta li setghet b'xi mod hasdet jew allarmat lill-attur George Scicluna li effettivament jattribwixxi s-sinistru ghas-semplici fatt illi l-konvenut hasdu bil-presenza tieghu minghajr dwal.

(ii) Stabbilit illi oggettivament ma kien hemm l-ebda ostakolu ghaliex l-appellat George Scicluna ma setax jara lill-appellant fuq il-mohriet tieghu, dan ifisser illi jekk verament hu ma rahx – il-provi juru xort'ohra – "jew ma hares xejn jew jekk hares ma harisx sewwa ghaliex dan (il-mohriet) kellu jkun ghalih in plain view" (Volum LXXXII.ii.628). Kif soltu jinghad f'kazi bhal dawn l-appellant fuq il-mohriet certament mis-sema ma nizilx. Kien qieghed isuq ghad-distanza notevoli quddiem il-vettura ta' Scicluna fit-trq ghal kollox dritta li kienet tipprezenta lill-istess Scicluna vizwali fit-tul u fid-dawl. Hu allura ma kellu l-ebda skuza skuzanti ghaliex fis-sewqan tieghu kellu jtajru jekk mhux minhabba aljenazzjoni momentanja jew ghaliex ma kienx qed isuq b'mod li kellu kontroll shih u kontinwu tal-vettura tieghu li kien jippermettilu biex

tempestivament jirreagixxi ghall-presenza tal-appellant appena jirrejalizza – kif hu provat li irrejalizza – fil-presenza tieghu.

(iii) L-ewwel Qorti fis-sentenza taghha affermat illi l-attur kien qieghed ghaddej "ghad-dritt b'velocita' moderata". L-attur George Scicluna meta xehed jafferma illi kien ghaddej "bejn wiehed u iehor bejn hmistax jew ghoxrin kilometru fis-siegha". Hu stabbilit illi brake ta' 11.60 metru anke jekk mhux skur kif halliet il-vettura tal-istess attur Scicluna kien indikattiv ta' velocita' ta' cirka erbghin kilometru fis-siegha. Jekk wiehed iqis il-vjolenza tal-impatt illi mhux biss xehet il-mohriet bil-karru warajh u bl-appellant fuqu diversi metri 'il boghod sakemm strah b'daqqa ohra ma' bieb ta' garaxx fuq in-naha opposta tat-triq imma wkoll li bid-daqqa l-vettura tal-istess Scicluna giet spustata notevolment lejn il-lemin taghha, hemm cirkostanzi li jikkonvincu lill-Qorti illi l-istess Scicluna kien qed isuq b'velocita' in eccess ta' dak regolamentari u anke in eccess ta' dak li fic-cirkostanzi fejn sehh l-incident kellu jitqies prudenti. Dan aktar u aktar kieku kellha tittiehed bhala korretta l-verzjoni tal-istess Scicluna illi hu kien qieghed isuq fi triq imdallma u bid-dim.

(iv) Din il-Qorti hi allura sodisfatta illi l-attur appellat bl-ebda mod ma gie rinfaccjat b'xi emergenza subitaneja krejata bis-sewqan tal-appellant. Hi ghall-kuntrarju konvinta illi hu ma setax jikkontrolla l-vettura tieghu minhabba l-velocita' li kellu meta rrejalizza bil-presenza

tal-appellant tardivament proprju ghaliex ma kienx qieghed izomm *a proper lookout*. L-appell kien jimmerita ghalhekk li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi, s-sentenza appellata qed tigi revokata, qieghda tintlaqa' l-eccezzjoni tal-konvenut appellant u qeghdin jigu michuda t-talbiet tal-atturi appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-atturi appellati.

Dep/Reg

mg